

# Punti Interessanti Dwar il-Kult Lejn San Publju u l-Bini tal-Knisja Tiegħu -

Kitba ta' Publius Agius



*Sketch tal-knisja ta' San Publju bil-faċċata l-antika – Disinn ta' Vincenzo Fenech datat 14 ta' Lulju 1842*

Ir-rabta ta' San Publju u l-Floriana tmur lura għal aktar minn 300 sena ilu. Xi storiċi jiktbu li fejn illum hemm il-bini tal-knisja, kienet teżisti kappella ddedikata lil San Publju u li din kienet tmiss ma' mitħna li kienet tinsab fil-viċin. Madanakollu, il-ftit kartolini li kienu jeżistu dak iż-żmien ma jikkonfermawx dan.

Pero` wieħed għandu jaħseb u jemmen li l-kult lejn San Publju kien jinħass żgur fost l-ewwel residenti li kienu marru joqogħdu f'Borgo Vilhena. Xhieda ta' dan hu l-fatt reġistrat fid-dokumenti li għandna, u li jesponu l-insistenza tal-Furjaniżi li riedu lil San Publju bħala patrun tagħhom u għalhekk talbu li l-knisja l-ġdida kellha tkun iddedikata lil San Publju. Dan jikkontrasta r-rieda tal-G.M. Antonio Manoel De Vilhena li ried li l-knisja li kellha tinbena, kellha tiġi ddedikata lil Sant'Antnin, jiġifieri għall-qaddis li għalih kien iġib ismu .

Meta wieħed jifli sew xi dokumenti b'ċerta reqqa jista' josserva punti interessanti li sa issa għadhom ma



nstabux miktuba. Waħda mill-mistoqsijiet li ħafna drabi nisimgħu hi dwar fejn tista' tkun l-ewwel ġebla tal-knisja. Jekk inqallbu fil-kotba tal-istorja tal-bini tal-knisja ta' San Publju insibu li l-ewwel ġebla tal-bini ġiet inawgurata fit-2 t'Awwissu 1733 mill-Isqof Paolo Alpheran de Bussan f'ċerimonja solenni fil-preżenza tal-G.M. Ant. Manoel de Vilhena u bosta dinjitarji oħrajn.

Naturalment biex tinbena knisja kellu jkun hemm il-finanzi neċessarji. Għall-ewwel kif jiġri dejjem bejn bl-entużjażmu, kif ukoll minħabba l-bżonn tal-amministrazzjoni tas-sagramenti, il-poplu Furjaniż beda jikkontribwixxi b'ċerta ġenerożita`, imma bejn li dak iż-żmien il-popolazzjoni kienet ċkejkna, kif ukoll minħabba n-nuqqas ta' kontribuzzjonijiet li l-poplu ma kienx jiflaħ għalihom, il-bini kellu jieqaf ħesrem. Dan kien ifisser li l-Furjaniżi kellhom jirrikorru għall-knisja f'Tal-Pieta` jew fil-parroċċa ta' San Pawl il-Belt Valletta, li t-tnejn kienu ftit 'l bogħod għar-residenti Furjaniżi.


Dehra tal-knisja ta' San Publju

Minħabba f'hekk l-Isqof Apheran de Bussan kien ordna lill-Prokuratur tal-knisja l-ġdida Paolo Casha, biex jieħu ħsieb ifittex isaqqaf is-sagristija ħalli dan l-ispazju jservi bħala kappella fejn ikunu jistgħu jiġu amministrati s-sagrament mqaddsa. Naturalment dan kien providenzjali għall-Furjaniżi għax l-idea li jkollhom kappella, flok knisja, ma tantx niżlet tajjeb u minnufih issokta x-xogħol fuq it-tkomplija tal-bini tal-knisja.

Dan il-fatt li ġie rreġistrat fil-kotba tal-istorja, jagħtina x'nifhmu li l-ewwel bini tal-knisja kien sewwa sew fejn illum hemm is-sagristija. Fil-fatt esperti fis-sengħa tal-bini jinnotaw li l-kobor tal-ġebel kif ukoll l-istruttura tiegħu hu l-aktar qadim fil-bini kollu. Dan ifisser li teżisti l-probabbilita` li l-ewwel ġebla tal-bini tal-knisja tista' tkun fis-sagristija. Barra minn hekk insibu wkoll referenza



għall-kamra mdaqqsa biswit is-sagristija, magħrufa bħala 'Sala San Tumas'. Jingħad li l-isem li għalih issemma l-post kien propju fejn isiru l-laqgħat tal-*union* tan-naġġara peress li dan il-qaddis hu patrun tagħhom.

Meta f'April 1942 ġiet attakkata l-knisja b'numru ta' bombi jaqgħu l-aktar fl-inħawi tal-kappellun tal-Kurċifiss, sewwa sew faċċata, fil-kappellun tal-Madonna tar-Rużarju, l-inkwatru titulari ċċarrat u waqa' għal isfel. Moħbi warajh kien hemm skultura tajba ħafna fil-ġebel li tirrappreżenta lil San Tumas ma' personaġġi oħra. Ħasra li matul iż-żmien kienu tnaqqxu l-irjus tal-personaġġi li kienu jesporġu 'l barra mill-inkwatru biex quddiem l-iskultura titpoġġa pittura dedikata lill-Madonna tar-Rużarju.



*Dettall meħud mill-faċċata tal-knisja l-antika li juri l-istatwa ta' San Publju fiċ-niċċa tagħha li tiġi n-naħa ta' Balzunetta*

Dwar il-faċċata l-antika tal-knisja, dan l-aħħar fl-Arkivju Nazzjonali nstab kuntratt interessanti li sar fit-18 ta' Mejju 1778 bejn il-Viċi Parroku tal-Parroċċa ta' San Publju, Dun Giovanni Bonnici u ċertu Giovanni Caruana, iben Andrea Caruana mill-Floriana, skultur fil-ġebel, biex tiġi kommissjonata statwa tal-ġebel li tirrappreżenta lil San Publju, u din kellha titpoġġa f'waħda mill-erba' niċeċ fil-bini tal-faċċata l-antika, ċioe`, f'dik in-niċċa li tiġi fuq ix-xaqliba ta' Balzunetta. Il-ħlas kellu jkun ta' 30 skud, li minnhom 10 skudi kellhom jitħallsu bil-quddiem, 10 skudi oħra meta x-xogħol ikun nofsu lest u l-kumplament tal-10 skudi kellhom jitħallsu meta l-istatwa titlesta għal kollox. L-iskultur kellu l-obbligu li jaqta' l-ġebel mill-barriera u jittrasportah fil-post, għas-spejjeż tiegħu.

Il-Furjaniżi minn dejjem kienu ġenerużi meta mitluba biex jgħinu fil-bini tal-knisja tagħhom. Il-gazzetta Portafoglio Maltese fl-edizzjoni ta' nhar il-Ħamis, 16 t'April 1885, rrapurtat li wara appell għall-ġbir ta' fondi mill-Furjaniżi biex titkompla l-faċċata l-ġdida (dik preżenti) tal-Prof. Nikola Zammit, xi nisa prominenti ġabru xi



oġġetti u organizzaw *bazaars* b'risq l-ispejjeż tal-faċċata li dak iż-żmien kienu stmati li jitilgħu mad-9,000 lira sterlina, sommma konsiderevoli għal dak iż-żmien.

**Referenzi:**


Descrizione Storica delle Chiese di Malta e Gozo (Achille Ferris)

Final Focus on Floriana (Emmanuel S. Tonna)

Is-Subborg tal-Furjana w il-Parroċċa tiegħu (Comm. Antonio Agius)

Gazzetta Potafoglio Maltese – 16 t'April 1885

Kuntratt bejn il-Viċi Parroku tal-Parroċċa ta' San Publju, Dun Giovanni Bonnici u ċertu Giovanni Caruana, iben Andrea Caruana mill-Floriana – datat 18/05/1778 (Arkivju Nazzjonali)



Ħajr - Arkivju Nazzjonali (Dr Joan Abela u s-Sur Paul Camilleri) għall-assistenza mogħtija.



